MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 717/2012

**Peter Micallef (ID 405069M) f'isem id-ditta**
**PM Health and Safety Practitioners**

**vs**

**Bayswater Contracting Company Ltd C 10495**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ id-ditta attrici qed titlob minghand is-socjeta' konvenuta il-hlas ta' tlett elef, erba' mija wiehed u hamsin Ewro u hamsin centezmi (€3,451.50c). Dana wara li ppremettiet hekk:

*Illi hi pprestat servizzi professjonali lis-socjeta' konvenuta, stmati €325 fix-xahar, VAT esklusa – konformement mal-ftehim Dok A.*

*Illi s-socjeta' konvenuta ma hallsitx ghad-disgha xhur bejn minn Dicembru 2011 sa Awwissu 2012 u minn dan l-ahhar xahar waqqfet il-ftehim b'mod arbitrarju.*

*L-interpellazzjonijiet ghall-hlas gew injorati u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

**Ra** li s-socjeta' konvenuta, debitament notifikata, ma ressqet ebda RISPOSTA.
**Ra** li fl-udjenza tat-28 ta' Novembru 2012, Dr. Alessandro Lia pprezenta nota ta' ammissjoni wara li fl-istess seduta, prezenti d-difensuri tal-partijiet, gie verbalizzat hekk:-

*Id-difensuri tal-partijiet qeghdin jaqblu li s-socjeta' konvenuta thallas it-talba kif dedotta bl-ispejjez b'pagamenti mensili ta' €300 b'dan illi f'kaz illi l-istess socjeta' konvenuta tonqos milli tonora pagamenti wiehed, l-ammont kif dedott bl-ispejjez isir dovut kollu u minnufih. L-ewwel pagament isir xahar millum.*

**DECIZJONI**

Meqjus dak kollu migjub hawn fuq it-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) jilqa t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lid-ditta attrici il-*quantum* ta' tlett elef, erba' mija wiehed u hamsin Ewro u hamsin centezmi (€3,451.50c) (b) flimkien mal-ispejjes kif mitluba fl-AVVIZ inkluzi dawk tal-kawza prezenti u (c) bl-imghax fuq il-*quantum* ta' €3451.50 kif mitlub fl-AVVIZ u (d) dana l-hlas fl-*intier* tieghu isir, kif miftiehem, f'pagamenti mensili ta' €300 fil-granet miftehma fin-nota ta' ammissjoni u (e) jekk is-socjeta' konvenuta tonqos li tonora pagament wiehed, l-ammont kollu allura dovut isir dovut minnufih.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------